# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF
## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 16 ta’ Novembru, 2001.**

**Kawza Numru: 10**

**Citaz. Nru. 1669/01GV**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**-vs-**

**Nicholsons The Supermarkets Limited u Tonio Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi in forza ta’ skrittura privata datata ghaxra (10) t’Awissu, 2001 hawn annessa u mmarkata Dok. A, is-socjeta’ konvenuta Nicholsons The Supermarkets Limited ikkostitwiet ruhha veru, cert u likwidu debitur tas-socjeta’ attrici Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited fis-somma ta’ mija sitta u ghoxrin elf, tmien mija u hdax il-Lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm126,811.74), liema somma l-istess socjeta’ konvenuta obbligat ruhha li thallas lil dik attrici fl-ammonti u d-data hemm stipulati.

Premess illi wara d-data ta’ l-istess skrittura s-socjeta’ attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta merkanzija fl-ammont ta’ erbat elef erba’ mija erbgha u

disghin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm4,494.97) skond ma' jidher mill-anness *statement* mmarkat Dok. B.

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghamlet xi pagamenti akkont, ukoll skond ma' jidher mill-imsemmi *statement*, u ghalhekk il-bilanc totali dovut illum huwa ta' mija sitta u ghoxrin elf, sitta u hamsin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm126,056.71).

Premess illi fl-iskrittura msemmija aktar il-fuq gie miftiehem ukoll fil-kaz illi socjeta' konvenuta tkun moruza fil-hlas ta' pagament wiehed tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu u s-socjeta' attrici jkollha d-dritt illi tesigi il-hlas immedjat tal-bilanc kollu tal-volta dovuta.

Premess illi in forza ta' l-istess skrittura l-konvenut l-iehor Tonio Caintar fil-kapacita' tieghu personali iggarantixxa solidalment mas-socjeta' konvenuta l-obbligi kollha naxxenti mill-imsemmija skrittura.

Premess illi l-konvenuti naqsu milli jonoraw l-obbligi taghhom u dan minkejja diversi promessi.

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jissollevaw ghad-domanda attrici u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1. Taqta u tiddecidi l-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta u lill-konvenut Tonio Ciantar bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' mija sitta u ghoxrin elf, sitta u hamsin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm126,056.71); u konsegwentement

3. Tikkundannahom ihallsu solidament bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija sitta u ghoxrin elf, sitta u hamsin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm126,056.71), dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti it-talba kif dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' it-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez konta l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**